MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Numru. 37/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**David Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra David Bonnici, iben Walter u Theresa nee De Giorgio, imwieled St. Julian's nhar l-4 ta' Jannar 1977, residenti 27 Triq Campis, Zebbug, Malta, detentur tal-Karta tal-Identita numru 83777(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta' Jannar 2007 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data:

a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) u aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar l-14 ta' Novembru 2002 mill-Magistrat Dott. G. Grixti LL.D., ta' nhar it-12 ta' Jannar 2004 mill-Magistrat Dott. L. Quintano LL.D., ta' nhar is-6 ta' Ottubru 2004 mill-Magistrat Dott. L. Quintano LL.D., ta' nhar id-29 ta' Lulju 2005 mill-Magistrat Dott. A. Mizzi LL.D., ta' nhar l-1 ta' Novembru 2005 mill-Magistrat Dott. L. Quintano LL.D., u ta' nhar is-16 ta' Novembru 2006 mill-Magistrat Dott. C. Scerri Herrera LL.D., liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

c) u aktar talli kiser kondizzjoni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar it-22 t'Awissu 2005 mill-Magistrat A. Micallef Trigona LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

(Kap. 101) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Wara li semghet ix-xhieda.

Wara li rat illi fis-seduta tal-12 ta' Ottubru 2011, il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, u wara li xehed xhud prodott mid-difiza fl-istess seduta, d-difiza wkoll iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi.

Wara li rat illi fl-istess seduta tat-12 ta' Ottubru 2011, l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena;

Wara li rat li kawza giet differita ghas-sentenza fis-seduta tat-12 t'Ottubru 2011

Wara li rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, fejn din il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza stante li kellha diffikulta sabiex titratta mal-imputat dwar l-imputazzjoni 'c', u cioe li kiser kundizzjoni moghtija lilu minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Awissu 2005, u ordnat li jigu allegati l-atti processwali tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Jesmond J. Borg) v. David Bonnici", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-22 t'Awissu 2005 mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona.

Wara li rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, fejn gie osservat minn din il-Qorti li l-atti rikjesti gew annessi u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Wara li rat l-atti processwali tal-kawza fuq imsemmija, annessi ma' dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

## Htija

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

## Piena

### Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni

Illi dwar il-piena ghall-ewwel imputazzjoni fil-proceduri odjerni, cioe dik ta’ pussess semplici tad-droga eroina, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li huwa ikkoopera mal-pulizija u tahom informazzjoni utli dwar terzi, tant li l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-hati ghandu jibbenefika minn mitigazzjoni fil-piena a tenur tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101.

Fil-kaz odjern, l-ammissjoni tal-hati mhix wahda bikrija, stante li l-ewwel seduta f’dawn il-proceduri inzammet fis-26 ta’ Marzu 2007, pero l-ewwel darba li sar xi haga f’dawn il-proceduri kien fil-11 ta’ Lulju 2011, stante li fis-seduti ta’ qabel l-imputat ma deherx, xi drabi anki meta kien notifikat. L-ammissjoni tal-imputat saret fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2011. Jigi rilevat li din l-ammissjoni saret wara li kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza kienu iddikjaraw li ghalqu il-provi taghhom fl-istess seduta tal-12 ta’ Ottubru 2011, kif fuq spjegat u fil-fatt fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-prosekuzzjoni kienet ippruvat il-kaz taghha l’hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, anki ghaliex l-imputat inqabad *in flagrante* mill-pulizija fil-pussess ta’ 1.8 grammi droga eroina. Huwa ovvju li meta l-imputat sab ruhu daru mal-hajt, ammetta biex forsi jiehu xi mitigazzjoni fil-piena ghall-ammissjoni. Pero l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti u r-rizorsi tal-Pulizija, u ghalhekk m’ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena ghall-fatt li huwa irregistra ammissjoni.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fedina raffrettarja tal-imputat. Huwa nstab hati xejn inqas minn ghoxrin (20) darba minn dawn il-Qrati ta' diversi tipi ta' reati, tmienja (8) minnhom fuq pussess semplici tad-droga. Jirrizulta li l-hati ilu bil-problema tal-abbuz ta' droga ghall-inqas mill-1997 – id-data tal-ewwel kundanna tieghu ghall-abbuz tad-droga. Minkejja li ghamel tentattivi sabiex jikkura ruhu, u missieru sahansitra baghtu Sqallija ghar-riabilitazzjoni, l-imputat dejjem rega' waqa' fil-vizzju. Dawn il-Qrati ukoll taw lill-imputat diversi opportunitajiet sabiex jaqbad it-triq it-tajba u jirriabilita ruhu. Fil-fatt mill-fedina penali aggornata u mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat inghata sentenza ta' habs sospiza, li giet estiza ghal darba, erba' (4) libertajiet kondizzjonati u sitt (6) Ordnijiet ta' Probation, l-ahhar wahda inghatlu b'sentenza moghtija fit-28 ta' Ottubru 2009 minn din il-Qorti diversament preseduta u din l-Ordni ta' Probation kienet ghal tlett (3) snin u ghalhekk ghadha fis-sehh. Sfortunatament l-hati ma gharafx juzufruwixxi tali opportunita` u din il-Qorti thares b'lenti severa lejn min jibqa' darba wara l-ohra ma jaccettax l-ghajnuna li tigi offerta lilu biex ihalli warajh il-hajja kriminali jew biex jitbieghed minn xi vizzju bhalma hija d-droga.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll ix-xhieda tal-psikjatra Anthony Dimech li xehed li l-imputat qed jaghmel l-ghalmu tieghu biex jgheleb il-problema tad-droga.[1] Pero mill-ammissjoni tieghu stess jirrizulta li l-hati kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina fis-16 ta' Jannar 2007 u matul is-sitt xhur ta' qabel. In oltre, l-imputat inqabad bi 1.8 grammi heroina, li kif inhuwa risaput f'dawn il-qasam jammontaw ghal 18-il doza (0.1 grammi kull doza). Dan l-ammont certament m'huwiex indikattiv ta' persuna li qed tipprova tikkura ruhha mill-vizzju tad-droga.

L-abbli avukat difensur issottometta fit-trattazzjoni orali illi din il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni t-trapass taz-zmien minn meta gara l-incident ghal meta dawn il-proceduri gew decizi. Dawn il-Qrati irripetew diversi drabi li t-trapass taz-zmien m'ghandux iwassal biex tinghata sentenza inqas minn dik li suppost tinghata, ghaliex

[1] Ara xhieda tal-Psikjatra Anthony Dimech a fol. 75 tal-process.

inkella imputati li jirnexxielhom b'diversi modi jtawwlu l-proceduri kontra taghhom, jistghu jigu vantaggjati fuq ohrajn fejn il-process jigi konkjuz fi zmien iqsar.[2]

Ghall-fini tal-piena il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni id-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur li l-hati ghandu jibbenefika minn mitigazzjoni fil-piena a tenur tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, stante li, skont l-ufficjal prosekutur, l-imputat indika xi nies involuti fit-traffikar tad-droga u gguramenta l-istqarrija tieghu quddiem magistrat, ghalkemm ghadu ma xhedx fil-proceduri kontra terzi persuni.[3] Fic-cirkostanzi, dina l-Qorti sejra tnaqqas il-piena ta' prigunerija bi grad wiehed.

Pero, fil-kaz odjern dan il-beneficcju huwa newtralizzat bil-fatt li l-hati ammetta wkoll ghat-tieni imputazzjoni li huwa recidiv, liema imputazzjoni hija wkoll ippruvata bid-diversi sentenzi ezebiti mill-prosekuzzjoni. Fil-fatt huwa recidiv plurimu, u invista tal-fedina penali raffrettarja tieghu, il-Qorti tqis li huwa gust li l-piena ghandha tizdied bi grad. Konsegwentement dan l-aggravanti, li jekwivali ghal zieda fil-piena ta' grad, jinnewtralizza il-beneficcju li l-imputat ghandu jinghata ta' tnaqqas fil-piena ta' grad a tenur tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena tat-Tielet Imputazzjoni**

Fit-tielet imputazzjoni, l-imputat ammetta – u gie ippruvat - li ikkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta' Probation imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, diversament preseduta, datata 22 ta' Awissu 2005, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

---

[2] Ara sentenza **Pulizija v. Massimo Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 t'Ottubru 2005.

[3] Ara xhieda tal-ufficjal prosekutur l-Ispettur Pierre Grech a fol. 39 tal-process u l-verbal a fol. 36 tal-process.

L-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. jippreskrivi illi:

*"(1) Jekk persuna li fil-kaz taghha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinhareg fir-rigward taghha dikjarazzjoni ta' htija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat;*
*.*
*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibghat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata u dik il-qorti ghandha kemm jista' jkun malajr, tara li dik il-persuna tingieb quddiemha, u meta tingieb prova ghas-sodisfazzjon taghha tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat ulterjuri, tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setghet tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Disposizzjoni sostanzjalment simili ghal dan l-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 kienet tezisti fl-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152, liema Kapitolu huwa illum abrogat, u sostitwit bil-Kapitolu 446.[4] L-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152

[4] L-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien jippreskrivi hekk: *"Jekk persuna li fil-kaz taghha jkun gie maghmul ordni ta' probation jew ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni tigi 'l quddiem misjuba hatja minn jew quddiem xi qorti ta' reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu tal-liberazzjoni taht kondizzjoni, il-qorti –*
*(a) jekk tkun l-istess qorti li kienet ghamlet l-ordni tal-probation jew l-ordni ta' liberazzjoni taht kondizzjoni tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni*

kien gie interpretat fis-sentenza **Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Gunju 1999, fejn gie ritenut illi: *"L-uzu tal-kelma sottolineata "tista" – "may" fit-test ingliz – ma jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma titrattax maghha, kif donnu ried ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita li dik il-Qorti taghzel li ma titrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-qorti jkollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li l-qorti li tkun ghandha tittratta ma' dik il-persuna."*[5] (sottolinear dik il-Qorti).

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat lill-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 ghandha tapplika bl-istess mod fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446, li kif diga inghad huwa sostanzjalment simili. Fil-kaz odjern, l-ordni tal-probation giet imposta fuq l-imputat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u konsegwentement din il-Qorti hija obbligata li tittratta mal-imputat kif jipprovdi l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bis-sentenza tat-22 t'Awissu 2005, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fuq imsemmija, kienet poggiet lill-imputat David Bonnici taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin, wara li fuq ammissjoni tieghu stess, huwa instab hati tar-reati

---

*gie maghmul b'kull mod li bih kienet tkun tita' titratta maghha kieku kienet ghadha kif giet dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat;*
*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibghat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li minnha l-ordni ta' probation jew l-ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni kien maghmul u dik il-qorti ghandha, malli jkun prattikabbli iggieghel lil dik il-persuna li tidher jew tingieb quddiemha u fuq prova ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tad-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat l-iehor tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni kien gie maghmul b'kull mod li bih kienet tista' tittratta maghha kieku kienet ghadha kif giet misjuba hatja ghal dak ir-reat minn jew quddiem dik il-qorti."*

[5] Ara fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija v. Raymond Callus** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Dicembru 2001.

indikati fl-artikoli mahruga fir-rinviju tal-Avukat Generali, cioe: bi vjolenza kontra l-privat, b'arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi, li garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr il-kunsens tal-Kummissarju tal-Pulizija, ta' ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici; ta' attakk u resistenza b'cirkostanzi aggravanti, bl-offiza kontravenzjonali ta' ingurji u theddid, b'recidiva, li ikkommetta r-reati f'perjodu ta' sentenza sospiza, u li naqas li jottempera ma' rekwiziti ta' ordni ta' probation.[6] Din il-Qorti tosserva li l-ewwel zewg reati, cioe dak ta' vjolenza kontra l-privat, u arrest, detenzjoni u sekwestru kontra l-ligi gew kommessi kontra l-genituri ta' l-imputat stess.

Din il-Qorti hija obbligata li tinfliggi piena fuq l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet, li taghhom kien instab hati fis-sentenza tat-22 ta' Awissu 2009 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Fil-fatti specje tal-kaz odjern, is-subincizi (2) u (3) tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446[7] jipprojbixxu lil din il-Qorti milli tpoggi lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, fil-waqt li l-Artikolu 28A(7)(c)[8] jipprojbixxi lil din il-Qorti milli timponi sentenza sospiza. Konsegwentement, fil-fatti specje tal-kaz odjern, din il-Qorti m'ghandiex xelta hlief li timponi piena karcerarja effettiva ghal dawn l-imputazzjonijiet.

Fil-fissazzjoni tat-terminu ta' din il-piena karcerarja, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat f'dawk il-

---

[6] Ara s-sentenza relattiva ezebita bhala Dok PG1, a fol. 42 tal-process.

[7] L-Artikolu 23(2) jippreskrivi illi: *"Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, jew il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)."*

L-Artikolu 23(3) jippreskrivi illi: *"Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tigi dikjarata hatja , jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omicidju involuntarju, jew offiza involontarja fuq il-persuna, jew hsara involontarja fuq il-proprjetà."*

[8] L-Artikolu 28A(7)(c) jippreskrivi illi: *"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin - ... ...*
*(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-*
*Probation."*

proceduri, li pero ma kienitx wahda bikrija, stante li saret wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi u inqaraw l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u li l-genituri ta’ l-imputat, cioe, il-parti leza, hafru lill-imputat.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur ta’ l-imputat issottometta li din il-Qorti ghandha taghti piena taht il-piena minima preskritta mil-ligi meta teroga l-piena ghal ksur ta’ l-ordni ta’ probation, pero din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghaliex ghandha taghmel dan, iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra li r-reati li taghhom l-imputat instab hati fis-sentenza tat-22 ta’ Awissu 2005 huma pjuttost ta’ natura serja, u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti m’hemm xejn fl-atti tal-proceduri ta’ dik is-sentenza li jiggustifika dan.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) u 29 tal-Kapitolu 101, r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, issib lill-imputat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta’ sitt (6) xhur priginerija effettiva.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta’ *probation* tat-22 ta’ Awissu 2005 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ta’ *probation* maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-artikoli 251, 86 u 87, 95, 96 u 97, 339(1)(e), 49 u 50, 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 u l-Artikolu 21 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imsemmi David Bonnici ghal prigunerija ghal perjodu ulterjuri ta’ tlett snin

prigunerija effettiva. Ghal kull buon fini l-Qorti tirrileva li hija ma hux qed titratta mal-hati ghal ksur tas-sentenza sospiza u ghal ksur ta' ordni ta' *probation* li bihom kien akkuzat u instab hati taghom fis-sentenza tat-22 ta' Awissu 2005 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Ghaldaqstant, l-imputat huwa ikkundannat ghal perjodu globali ta' tlett snin u nofs prigunerija effettiva.

Il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, stante li fil-kaz odjern ma gie nominat l-ebda espert.

Fl-ahharnett, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta' abbuz ta' droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------